MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2009

Rikors Numru. 449/2009

Lombard Bank Malta plc
vs
Ernest Cilia

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**

Rat ir-rikors ta' Lombard Bank Malta p.l.c. gja Lombard Bank (Malta) Limited li bih espona:

Illi l-Bank rikorrenti gie kanonizzat kreditur ta' l-intimat fis-somma ta' tnax-il elf u hamsa u tletin punt tlieta zero Ewro (€12,035.30) ekwivalenti ghal hamest elef mija sitta u sittin Liri Maltin hamsa u sebghin centezmi u sitt millezmi (LM5166.75,6) skond sentenza tal-Qorti tal-Kummerc (illum il-Qorti Civili Prim'Awla) li ggib id-data tat-tnejn (2) ta' Lulju, elf disa' mija tlieta u disghin (1993) li kopja taghha giet annessa mar-rikors u immarkata Dok "A" oltre l-interessi legali kalkolabbli bit-tmienja fil mija (8%) mill-ewwel (1) ta' April elf disa' mija tnejn u disghin (1992), li

sas-sena korrenti jammontaw ghal izjed mid-doppju tas-sorte, biex b’hekk iridu jigu limitati ghac-cifra tas-sorte fl-ammont ta’ tnax-il elf u hamsa u tletin punt tlieta zero Ewro (€12,035.30) ekwivalenti ghal hamest elef mija sitta u sittin Liri Maltin hamsa u sebghin centezmi u sitt milezmi (LM5166.75,6) kif ukoll l-ispejjez legali ammontanti ghal tmien mija tmienja u tletin punt erbgha tnejn Ewro (€838.42) ekwivalenti ghal tliet mija disgha u hamsin Liri Maltin tlieta u disghin centezmi u zewg millezmi (Lm359.93,2) skond kopja tat-taxxa, annessa mar-rikors u immarkata Dok "B", oltre l-VAT fuq id-dritt professjonali li jammonta ghal erbgha u sittin punt wiehed hamsa Ewro (€64.15) b'kollox erbgha u ghoxrin elf disa' mija tlieta u sebghin punt wiehed sebgha Ewro (€24,973.17);

Illi ghaddew aktar minn hames snin minn meta t-titolu ezekuttiv seta’ jigi ezegwit.

Illi dan id-debitu ghadu dovut mill-konvenut u ghalkemm li gie interpellat diversi drabi sabiex ihallsu u sahansitra gew ippresentati mandat ta’ sekwestru li jgib in-numru 503/96, u procedura ta’ bejgh b'subbasta numru 79/96 kontra l-konvenut huwa baqa’ inadempjenti;

Ghaldaqstant ilbank rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex toghgobha tirravviva d-drittijiet tal-Bank attur kontra l-konvenut u b’hekk l-istess kreditu jerga’ jsir titolu ezekuttiv skond il-ligi li jkun jista’ jigi ezegwit kontra d-debitur u dan taht il-provvedimenti li din il-Qorti toghgobha timponi.

Bl-ispejjez ta’ din il-procedura kontra l-konvenut inkluz dawk tal-mandat ta’ sekwestru li jgib in-numru 503/96, u l-proceduri tal-bejgh b’subbasta numru 79/96 li gew ipprezentati sussegwentement ghall-kawza hawn fuq imsemmija.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensur tal-bank rikorrent.

Ikkunsidrat

**B. PROVI:**

Xehed <u>Philip Saliba</u>, *bank manager* mal-bank rikorrent u qal li minn meta gieipprezentat ir-rikors guramentat sal-lum l-intimat ma ghamel ebda hlas.

Rat li l-intimat debitament notifikat skond il-ligi ma deherx ghas-seduta tal-lum, u anqas deher hadd ghalih.

**C. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk fuq kontumacja, it-talba tal-bank rikorrent u l-Qorti qed tilqaghha fis-sens li qed tirravviva d-drittijiet tal-Bank rikorrent kontra l-intimat u b'hekk l-istess kreditu jerga' jsir titolu ezekuttiv skond il-ligi li jkun jista' jigi ezegwit kontra d-debitur.

Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra l-intimat, inkluz dawk tal-Mandat ta' Sekwestru numru 503/96, u l-proceduri tal-bejgh b'subbasta numru 79/96.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------